MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Numru 768/2005

Il-Pulizija
(Sp Raymond Cassar)
vs
Aaron Steven Stewart Ritchie, iben
Edgar, imwieled l-Ingilterra fis-17 ta' frar, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-17 ta' ġunju, 2005 bejn in-nofs siegħa u id-disgħa ta' fil-għodu f'Ħal-Balzan, ikkometta serq ta' hi-fi minn vettura tat-tip Fiat Punto, bin-numru tar-reġistrazzjoni JBG 982, għad-dannu ta' James D'Agostino, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin, bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara u\jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' għamel ħsara fil-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni JBG 982, liema ħsara ma

tisskorriex il-ħames mitt liri maltin iżda iżjed minn ħamsin lira maltin;
3. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell li hi definittiva u li ma tistax tiġi mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli skond il-liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' diċembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' frar, 2006 fejn James D'Agostino ddikjara li l-imputat ħallsu ta' danni kollha u ma għandu ebda pretensjoni oħra kontra l-imputat.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni tiegħu fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat illi l-imputat ibagħti mill-vizzju tad-droga, tordna lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva biex jieħu l-miżuri kollha biex l-imputat jibda programm ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga. Billi ma nħatru ebda esperti mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------